**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 t' Ottubru, 2019**

**Talba Numru: 99/2019 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 28**

**Jeroen Peter Johan Romme (K.I. 56076A)**

**51, Seagulls,**

**Triq il-Gladjoli,**

**Swieqi**

**Vs**

**Ann Pauline Beatrice Downer (K.I. 429800L)**

**Spinola Court Flat 11,**

**Il-Qasam ta' San Gorg,**

**San Giljan**

It-Tribunal,

Din hija sentenza dwar l-eccezzjoni sollevat mill-konvenuta a fol 13 dwar l-inkompetenza *rationae valoris* ta' dan it-Tribunal stante li l-attur qed jitlob lit-Tribunal b'mod komplessiv valur li jeccedi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jasal ghal valur tat-talba tal-istess attur.

Semgha lill-partijiet jitrattaw din l-eccezzjoni.

Ikkunsidra,

Li l-konvenuta qed tikkontendi li galadarba l-allegat ammont dovut jirrizulta minn somma li teccedi s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) stante li l-ammont pretiz huwa terz tas-somma totali ta' danni allegatament subiti u li jlahhqu l-ammont ta' sitt elef erba' mija hamsa u sebghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€6,475.38c).

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu l-kompetenza li jiddeciedi "t-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest elef ewro (€5000)" (Artikolu 3(2) tal-Kap 380). L-ammont pretiz huwa ta' elfejn mija u tmienja u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,158.46c). Il-partijiet jaqblu li dan huwa terz tal-ispiza totali.

Pero' fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta qeghda wkoll tikkontesta li ntefqet din is-somma cioe' ta' elfejn mija u tmienja u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,158.46c) x 3 total ta' sitt elef erba' mija u hamsa u sebghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€6,475.38c) u anke r-responsabilita' taghha ghal tali danni. (ara it-tielet u r-raba' eccezzjoni).

Is-sentenza kwotata mill-attur cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per Imh Ellul fl-ismijiet: Maria Victoria de Domenico et vs Dr George Said deciza 21 ta' Frar, 2017 tirrigwarda fatt fejn l-ammont li minnu originat s-somma dovuta kien jeccedi l-hamest elef (€5,000) izda li tali ammont originali ma kienx gie kontestat mill-konvenut kontrarjament bhala ma gara f'dan il-kaz u ghalhekk tali decizjoni ma tapplikax ghal kaz odjern.

Li qed jintalab f'dan il-kaz mhux biss it-talba tal-attur izda wkoll ezami tal-eccezzonijiet tal-konvenuta li tinvolvi stharrig ta' vertenza li allura tkun tmur il-hin mill-kompetenza tat-Tribunal u dan kif jirrizulta wkoll mis-sentenzi esebiti mill-konvenuta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u jiddikjara li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma u jiddeciedi din il-kawza.

Spejjez a karigu tal-attur.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**